



Brussell, 31 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7472/22

LIMITE

POLCOM 20
COMER 36
DELACTION 54

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 6987/22 + ADD 1
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tal-25.2.2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka - Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq¹ lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 290 TFUE u mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2018/196 (kodifikazzjoni)² dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka.

L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2018/196 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament bil-għan li jsiru l-aġġustamenti u l-emendi skont l-Artikolu 3.

¹ Dok. 6987/22 + ADD 1.

² ĠU L 44, 16.2.2018.

2. Issa li, fil-25 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat li jemenda r-rata tad-dazji addizzjonali skont il-kriterji definiti fl-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 2018/196, il-Kunsill jista' jressaq oġġezzjonijiet dwar dan l-att delegat sal-25 ta' April 2022.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Kummerċjali eżamina l-att delegat u, peress li ebda delegazzjoni ma qajmet oġġezzjoni sal-1 ta' April 2022, qabel li l-Kunsill ma għandu ebda raġuni biex joġġezzjona għalih.
4. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Coreper:
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandux intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan ifisser li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/196 dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka.
